Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

Gurisdizzjoni Superjuri

Sezzjoni Generali

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D., M.Jur.

Rikors Guramentat Nru. 86/2013PC

Antonia Formosa (K.I. 42536G)[1] u b'digriet tat-8 ta' Ottubru 2019 l-atti gew trasfuzi fuq Johnie Azzopardi stante il-mewt ta' Antonia Formosa

John Azzopardi (K.I. 25678G)

'Altona' Triq Ta' Said Nadur.

Vs

Raymond Tabone

Plot 5, Triq in-Nigret Qala.

**Illum 22 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Antonia Formosa u John Azzopardi pprezentat fir-Registru tal-Qrati t'Ghawdex nhar l-4 ta' Dicembru 2013 li jaqra s-segwenti:

[1] Permezz ta' digriet tat- 8 ta' Ottubru 2019 l-atti gew trasfuzi fuq Johnie Azzopardi stante il-mewt ta' Antonia Formosa

*1. Illi l-esponenti huma fil-pussess ta' dar fi Triq Wied Simar, Qala, Għawdex, liema dar tinkludi fiha rewwieħda li tħares għal fuq art art mhux mibnija li tinsab fil-pussess tal-konvenut.*

*2. Illi fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-intimat qabad u għalaq din ir-rewwieħa bil-ġebel;*

*3. Illi wara li, immedjatament wara, l-esponenti reġgħu fetħu din ir-rewwieħa, il-konvenut reġa' mill-ġdid għalaqha u din id-darba anki kaħħalha bis-siment;*

*4. Illi dan l-aġir jikkostitwixxi disturb fil-pussess tal-esponenti;*

*5. Għid għalhekk inti konvenut/intimat għaliex ma għandhiex din il-Qorti:*

*1. tiddikjara illi inti kkommettejt spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tar-rikorrenti billi fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fil-ġranet ta' wara, għalaqt u anki kaħħalt bis-siment ir-rewwieħda li mill-fond fil-pussess tagħhom tagħti fuq proprjetà li tinsab fil-pussess tiegħek;*

*2. tikkundannak sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jigi prefiss, inti tirreintegra lill-atturi fil-pussess pien ta' ħwejjiġhom, u dan billi taqla' l-osotakoli li inti użajt sabiex għalaqt u kaħħalt l-imsemmija rewwieħa;*

*3. fin-nuqqas illi int teżegwixxu x-xogħlijiet fiż-żmien konċess lilek, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet huma a spejjeż tiegħek, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit nominand.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali preċedentement ippreżentata mill-atturi kontra tiegħek, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa int inġunt.*

*Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti kontra tiegħek.*

Rat ir-risposta ppresentata mill-intimat nhar id- 9 ta' Jannar 2014 fejn eccepixxa[2];

*1. Illi kif se jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza, hafna mill-fatti esposti mill-atturi fic-citazzjoni taghhom huma skorretti;*

*2. Illi fost l-ohrajn ghandu jinghad li l-apertura in kwistjoni nfethet biss ricentement u klandestinament, u kull ma seta' ghamel l-esponenti, huwa ghamlu skond il-ligi biex jirrezisti l-vjolenza ezercitata kontra l-proprjeta' tieghu bil-ftuh ta' l-apertura klandestina in kwistjoni;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li l-apertura in kwistjoni ma tistax isservi bhala rewwieha bhalma allegat*

[2] A folio 8 u 9 tal-process.

*f'din il-kawza mill-atturi. Rewwieha hija ntenzjonata li taghti arja lil proprjeta' li ma jkollha l-ebda arja disponibbli ghaliha mill-proprjeta' ta' l-istess sid. Madanakollu, l-apertura in kwistjoni saret f'kostruzzjoni li tinsab miftuha ghall-apert, u li fi kwalunkwe kaz ghandha l-hitan taghha jaghtu ghal fuq proprjeta' miftuha ta' l-atturi, fejn l-istess rewwieha setghet facilment issir. Illi anki l-posizzjoni ta' l-apertura in kwistjoni turi li effettivament ma tikkonsistix f'rewwieha;*

*4. Illi ghaldaqstant, kwalunkwe referenza li saret f'din il-kawza ghal rewwieha hija skorretta u ntenzjonata biss biex tizvija lil din Onorabbli Qorti;*

*5. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li mhuwiex minnu li din l-apertura taghti ghal fuq proprjeta' mhux zviluppata ta' l-esponenti, izda taghti ghal fuq gnien li jaghmel parti ntegrali minn fond zviluppat tieghu;*

*6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li f'dan il-kaz ma jissussistux it-tlett elementi kontemplati mill-Ligi sabiex tirnexxi kawza ta' l-ispoll;*

*7. Illi ghalhekk din il-kawza ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat l-atti.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Johnie Azzopardi.[3]

Rat ukoll in-nota responsiva tal-intimat ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Raymond Tabone.[4]

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Din hija kawza ta' actio spolii (spoll vjolenti) li r-rikorrenti qed jallegaw li ghamel l-intimat billi dan tal-ahhar fil- 31 ta' Ottubru 2013 u fil-granet ta' wara blokka dik li qed isejjhu rewwieha.

[3] A folio 281 tal-process.
[4] A folio 304 tal-process,

Minnn aha tieghu l-intimat barra li jichad li dik fil-fatt hija rewwieha, jghid li t-toqba sarret recentement u b'mod klandestin minn naha tar-rikorrenti.  Jishaq dak li ghamel kien biss b'reazzjoni ghal tali ftuh minghajr permess li jaghti fuq il-propjeta' tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Xehed permezz ta' affidavit **John Azzopardi** li jghid li huwa jiehu hsieb lir-rikorrenti Antonia Formosa li hija sid tal-fond fi Triq Wied Simar Qala u li ilu ghandha mis- 26 ta' Gunju 1986.  Jghid li Formosa hija mara anzjana u li ilha fis-sodda ghal dawn l-ahhar tlett snin u li huwa ghandu prokura generali taghha.[5]  Jishaq li lil Formosa ilu jafha zmien twil, minn meta kien tfal u li kienet tiehdu fil-propjeta' imsemmija.  Isostni li meta kibret kien iwassalha hu bil-vettura tieghu minn-Nadur ghal Qala u li l-ahhar darba li hija marret f' dan il-fond kien ghall-habta tas-sena 2008 jew 2009 u hija kienet titolbu biex imur jiccekkja il-fond.  Fil-fatt hekk kien jaghmel.   Isostni li ir-rewwieha kienet tinsab f' kamra zghira fil-fond u li minn dejjem jafha hemm.  Jaf li din il-kamra fl-imghaddi kienet isservi ta' kcina u li din ir-rewwieha kienet taghti ghal fuq art li minni jidher hija tal-konvenut Formosa. Din ir-rewwieha kienet l-unika apertura tal-kamra, apparti l-bieb. Jghid li kien hemm ukoll mizieb li kien jaghti ghal fuq l-art tal-konvenut li ukoll tkisserr minn xi had u li jassumi li dan gahmlu l-konvenut.

Ikompli jghid li f' dawn l-ahhar snin kien beda jmur aktar spiss ghax beda jaghmel xi xoghol ta' restaw.  Jiftakar li il-Hamis 31 ta' Ottubru

[5] A folio 12 sa 14 tal-process.  Ma jidhirx li dan id-dokumenti huwa pero' b' xi mod guramentat.

2013 u dik il-gimngha mar xi tlett darbiet ghax kien qed jaghmel xi xoghol ta' restaw fejn innota li l-kamra fejn kien hem mir-rewwieha kienet instaddet b' xi haga. Jghid li kienet imblukkata bil-gebel u huwa imbuttahhom 'l barra. Jghid li l-art ma kienx jaf ta' min hi sa dak in-nhar u lil Tabone ma kienx jafu. Infatti dak in-nhar mar jaghmel rapport lill-pulizija u ma semma lil had b' ismu. Isostnli li l-ghada rega' mar fil-fond u rega' sab ir-rewwieha ibblukkata. Jghid li hhu informal il Antonia xi jiem wara ghax kienet rikoverata l-isptar u li l-konvenut ipprofitta mill-anzjana b' dak li ghamel.

Xehed **Lawrence Tabone** nhar l-14 ta' Mejju 2014 fejn jghid li lil Antonia Formosa jafha ghax hija il-kugina ta' missieru.[6] Jghid li Formosa ghandha propjeta' fi Triq il-Wied Simar Qala u li l-propjeta' taghha hija xi 50 metru 'l boghod minn tieghu. Ix-xhud jaghti deskrizzjoni ta' kif tidhol ghall-projeta' tar-rikorrenti Formosa. Jghid li sa fejn jaf hu '***kien hemm kamra zghira kif tidhol, naf li kienet tintuza bhal kcina fl-antik***.' Jghid li f' dan il-post gieli dahal ilu ilu. Kienu xi 80's. Jghid lir-rewwieha kienet taghti fuq il-propjeta' ta' Caremla Bartolo jahseb. Muri ir-ritratti jghid li jaraf il-kamra u it-tieqa.

Kontro-ezaminat jghid li dahal f' din il-kamra fl-80's. Jikkonferma li dan l-ahhar ma jafx x' gara fil-post. Jghid li hu ghandu kawza kontra is-Sur Tabone (Raymond). Bicca fetahom hu u bicca jahseb li fetahom Tabone. Isostni li hu suppost kugin ta' tabone. Jaqbel li hemm pendenzi il-Qorti ukoll bejnitehom.[7]

---

[6] A folio 27 tal-process

[7] A folio 32 tal-process.

Xehed **John Azzopardi** nhar is-17 ta’ Frar 2015 fejn qal li jaqbel li din il-kawza hija fuq rewwieha.[8] Jghid li ir-rewwieha qieghda fit-tliet filati f’ kamra baxxa. Jghid li l-kamra qisu fiha sitt filati jew sebgha, mhux ezatt imma kamra baxxa. Jghid li Antonia kienet tghid li kienet girna u imbaghad saqfuha bix-xirek u kienet tintuza bhala kcina. Jghid li dan kif kienet l-antik. Kienet mibnija bil-hajt tas-sejjieh imbaghad missier Antonia saqqafha bix-xirek bicca minnha. Jikkonferma li ir-rewwieha dejjem miftuha jafha u li l-konvenut ghalaqha. Ma jafx li rewwieha tista’ tinghalaq jekk min joqghod hdejh jghidlu biex jaghmel dan. Isostni li kienet kcina. Jghid li Antonia Formosa kienet mara vulnerabbli u tghix fil-faqar tista’ tghid. ***Jghid li hu ma kienx ikun maghha. Meta kienet tuzaha kien ikun maghha.[9]*** Jichad li il-flixkun u it-tewm poggihom huwa x’ hin ried. Isostni li kien ikollha l-ilma jew xi haga tal-pitrolju u jishhaq li rabbietu hija. Jghid li anki il-genituri taghha u nannuha dejjem hemm kienu jsajru ghax id-dar tikkonsisti f’ maqjel u ghandha ghorfa fuq u kamra tal-bhejjem. Jghid li l-bieb jafu kemm imwahhal kif ukoll mhux imwahhal. Jikkonferam li l-bieb jiftakru imwahhal. Jikkonferma li l-post hu fi stat hazin. Jishaq li hu ghamnel xi tiswijiet ghax kien sfronda s-saqaf tal-maqjel isostni li kellu jaghmel saqaf gdid ghax riedet tbieghu Antonia. Jghid li l-post huwa ta’ Antonia u hu jmur bil-permess taghha. Ikompli jispjega li l-apertura saba maghtluqa l-ewwel darba fil- 31 ta’ Ottubru 2013. Qal li hu l-ewwel darba meta sabha maghluqa qal dak li kien hemm kif kien qallu darba Dr. Galea.[10] Ikompli jghid li huwa ghandu prokura generali ta’ Antonia. Jghid li Antonia hija bed ridden u ma titharrek xejn. Isostni li l-prokura generali kienet ilha fuqu mit- 2011. Jghid li hu qatt ma talabha permess biex tibda din il-kawza. Jikkonferma li l-intimat sa dak in-nhar ma kienx jafu. Sar li jaf il-koncvenut ghax kien baghtlu ittra

[8] A folio 45 tal-process.
[9] A folio 48 tal-process.
[10] A folio 53 tal-process.

ghax hu min ghalih ilpost kien ta' Karmni Bartolo tal-Bondiza. Jispjega li ir-ritratti ta' Marzu hadhom minhabba Nenu tal-Pajpaj, kunjomu Mifsud li hu kuntrattur. Jghid li skond il-Perit kien qallu li jista' jkun ikun hemm bzonn applikazzjoni tal-MEPA meta fil-fatt ma kienx hemm bzonn u hadhom bi zbrixx.[11] Jikkonferma li ir-ritratti hadhom b' kunbinazzjoni u l-Perit kien Carmelo Borg. Kien il-Perit li issuggerilu li jiehu ir-ritratti. Jichad li hu issetja id-date tal-camera. Isostni li hemm 4 kmamar. Jghid li anki omm Antonia kienet tuza il-kcina de quo u l-kucuniera kienewt tal-ftejjel. Jikkonferma li hu jmur jiccekja il-posta tal-anqas darba fil-gimgha fuq parir ta' Dr.Galea. Jirribadixxi li fil-gimgha tal-ahhar ta' Ottubru mar il-gimgha kollha ghax kienu qed jaghmlu is-saqaf tal-maqqjel il-kbir. Jghid li ir-rewwieha inghalqet bejn nofs in-nhar u fil-ghaxija u fil-jum in kwistjoni hu mar gol-fond 3 darbiet. Skond ix-xhud il-propjeta' ta' Raymond Tabone mhux zviluppata. Il-bini ma jmissx mal-propjeta' . Jikkonferma li Antonia rabbietu ghax ommu kellha hanut ir-Rabat u kienet thallieh ma Antonia. Jispjega li wara l-iskola li kien imur ir-Rabat kien itellghu missieru in-Nadur u kien imur il-Qala ma Antonia. Antonia kienet toqghod in-Nadur, iccara u il-Qala ukoll. Jghid li Antonia propja mill-Qala pero' kienet titlaq' in-Nadur.[12] Hu ma ghandux dar il-Qala[13]. Jikkonferma li l-gebla mir-rewwieha nehhiha b'seratizz u li hu kien ghamel rapport qabel dak tat- 8 ta' Novembru 2013.[14]

[11] Wara li ir-ritratti gew attakkati mill-konvenut gie mahtur fil-mori tal-proceduri l-espert Max Xuereb li irrelata dwar dawn a A folio 238 tal-process. Fil-konkluzjoni tieghu qal is-segwenti. '**Ghalkemm kull ritratt igor mieghu data ta' meta ikun mehud, (informazzjoni li tinqara mill-properties ta' kull ritratt), fil-kaz ta' din camera din id-data mhux bil-fors tkun valida…. Iid-data tista' tigi mibdula facilment…. Il-back up battery tista' title fic-charge taghha facilment u ghalhekk l-informazzjoni ma tkunx korretta.'**

[12] A folio 69 tal-process.

[13] Il-Qorti kif diversament preseduta dehret mhux konvinta fejn kienet qed toqghod Antonia. Ix-xhud juri nuqqas ta' konsistenza fit-twegibiet tieghu.

[14] A folio 71 tal-process.

Xehed **Lawrence Tabone** nhar is- 17 ta' Frar 2015 jghid li **jrid jiccara punt fuq ix-xhieda precedenti u jghid li huwa fil-kamra fejn hemm il-kwistjoni tat-tieqa dahal l-ahhar fl-80's jghid li fis-sajf li ghadda kien dahal fuq is-setah**.[15]Jghid li Azzopardi ilu jafu xi hames snin, kien jafu qabel imma dawn l-ahhar hames snin sar midhla tieghu. Jghid li hu beda jixtri mill-hanut tieghu.[16] Jikkonferma li ghandu kwistjonijiet il-Qorti mal-intimat Tabone. Jghid li lil John Azzopardi qabel il-hames snin gieli rah hemmek. Jghid li mir-raba tieghu jara il-wara tal-post. Jikkonferma li l-entratura mir-raba' tieghu ma jistax jaraha. **Jikkonferma li l-bierah stess mar fil-fond u li hemm negozjati biex jixtri l-fond mertu ta' dawn il-proceduri.** Jerga' jikkonferma li hu interessat jixtri il-fond u jghid li ma' Antonia Formosa dahal zmien ilu kif diga' qal. Jghid li fl- 80's Antonia kienet tigi u tmur pero' kien abitabbli. Jghid li in-Nadur ma kienitx toqghod b' mod permanenti. Jghid li ma genb il-kamra ta' isfel tal-fond hemm gardina u li taht it-tarag jghaddi direttament ghal kamra. Jghid li dak iz-zmien jahseb li kellha bieba din l-apertura/rewwieha.[17] Jghid li qieghda zewg piedi u nofs jew tlett piedi minn mal-art.[18] Izid jghid li l-kamra mhux gholja. Isostni li forsi wiesgha fiha pied. Jghid li il-fond hemm zewg kmamar, din ikl-kamra zghira u hemm maqjel.[19] Isostni li il-kamra tinsab meta tidhol fil-fond u kienet tintuza bhal kcina.

Xehed **Dr. David Muscat** permezz ta' affidavit datat 6 ta' April 2015 fejn qal li huwa ghandu post ta' villeggatura bl-indirizz 33 Triq Wied Simar Qala Ghawdex. Jghid li dan il-fond ilu ghandu minn Marzu 2006. Juzah matul is-sena kollha b' mod irregolari. Isostni li:

[15] A folio 73 tal-process.
[16] Il-Qorti tinnota l-aggressivita' fir-risposti tax-xhud.
[17] A folio 81 tal-process.
[18] A folio 82 tal-process.
[19] A folio 85 tal-process.

***'Nghid li f' dan il-hajt divizorju jiena qatt ma rajt tieqa jew apertura. Dejjem rajtu bhala hajt divizorju normali u intatt minghajr ebda aperturi ta' kwalsiasi natura fih.***

***Nispjega li ghalkemm jiena infurmat li ghal xi zmien dan l-ahhar, kienet qed tinfetah u terga' tinghalaq apertura f' dan il-hajt, jiena qatt ma nzertajt il-hajt b' din l-apertura. Probabilment dak li gara kien li dan kollu kien qed isir fil-gimghat li fihom jiena ma kontx qed inkun Ghawdex.'***[20]

Xehdet **Mary Rose Tabone** li hija mizzewga lill-intimat Raymond Tabone permezz ta' affidavit guramentat fit- 13 ta' April 2015. Tghid li hija toqghod il-Qala ghalkemm originarjament minn-Nadur.[21] Tghid li Antonia Formosa kienet tafha u dan ghal bosta snin. Tghid ukoll li fl-ahhar zmien bdiet thawwad. Tghid li il-post taghhom tal-Qala gie akkwistat minnhom 1997 li tikkonsisti b' dar bil-gardina maghha u li huma jmorru spiss hemm. Darba zewgha Raymond qal li xi hadd qala gebla mill-hajt divizorju ta' bejn il-propjeta' taghhom u dik ta' antonia u hu rega' poggiha lura. Din il-bicca tax-xoghol grat diversi drabi meta Antonia kienet ilha snin ma tersaq 'l hemm. **Tghid li l-hajt bejn il-propjeta' taghhom u ta' Antonia dejjem kien hajt shih u intatt**. Dan hu hajt divizorju ta' madwar hames filati gholi.[22]

Xehed l-intimat **Raymond Tabone** permezz ta' affidavit datat 14 ta' Mejju 2015.[23] Jghid li huwa propjetarju tal-fond u li kien tal-familja taghhom tant li meta kien zghir kien imur ma' missieru. Jghid kif inhu midhla tal-fond u jaghti deskrizzjoni tieghu. Jghid li l-hajt bejn din il-

[20] A folio 89 tal-process.
[21] A folio 90 tal-process.
[22] A folio 91 tal-process.
[23] Dan ma jidhirx li qatt gie guramentat.

propjeta' taghhom u dik ta' Antonia kien tlett filati pero'wara dan ghola. Jghid li meta kien baxx seta' jara x' kella Antonia god-dar. Hu jaghti deskrizzjoni ta' x' seta' jara fosthom il-kamra fejn jghid li kienet izzomm l-imbarazz Antonia.[24] **Jghid li fil-hajt divizorju qatt ma kien hemm aperturi.** Ikompli jispjega li l-apertura stess tindika li din giet miftuha ricentement. Jghid li ir-ritratt RT" hadu l-ewwel darba li infethet l-apertura minnu stess. Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti biex isahhah il-logika tal-argument tieghu. Jikkonferma li meta tnehha ilk-kantun hu rega' dahhlu f' postu u lil John Azzopardi qatt ma kien rah fuq il-post u allura haseb li kien sar xi zball mill-haddiema tieghu.Hu ikkonferma li kull meta tnehha il-kantun hu rega' poggieh fuq il-post fejn kien u dan biex jiddefendi ruhu.[25] Isostni li dak li qed jallega John Azzopardi kif ukoll Lawrence Tabone mhux minnu u li hu kien gahmel rapport lill-pulizija fit- 8 ta' Novembru 2013.

Xehed **Joseph Tabone** nhar l-14 ta' Mejju 2015 fejn qal li hu it-tifel tal-intimat u jikkonferma li 37 Triq Wied Simar qala hu ta' missieru. Jghid li bejn il-propjeta' ta' missieru u ta' Antonia Formosa hemm kamra u hajta ta' xi 5 filati. Jghid li hu familjari mal-post ghax kien izur iz-zijiet ta' missieru u wara li mietu kien izomm kelb hemmek. Barra minn hekk missieru kien irabbi xi fniek hemm. Jghid li il-hajt dejjem intatt jafu u li hu ghandu 22 sena. Jghid li xi hadd fetah toqba li fiha zewg filati 'l isfel mill-bejt u missieru kull darba kien imur jaghlaqgha. Dan kien jaghmlu mill-ewwel.[26]

Xehdet **Doris Cutajar** fl-10 ta' Novembru 2015 u tghid li Antonia Formosa hija zijitha u kienet tmur ta' spiss ghandha ghax kienet tghix

---

[24] A folio 94 tal-process.
[25] A folio 97 tal-process.
[26] A folio 112 tal-process.

vicin taghha. Hija kienet toqghod in-Nadur u il-post tal-Qala kienet tinzel ta' sikwit.[27] Tghid li zijitha kienet purtinara u li kienet tizel il-Qala tahdem ir-raba' u kienet tqatta xi ftit hin f' dan il-fond. **Tghid li apparti huma ma kienet tara lil hadd fil-fond. Tghid li dak il-fond kien bla dawl. Tghid li il-kamra iz-zghira kienet ghall-imbarazz u hija kamra wisq baxxa biex xi hadd joqghod kmodu go fiha.[28]** Anqas minn hames piedi. Biex tidhol trid titbaxxa. Tishaq fuq il-kamra is-segwenti:

***'Bieb biex tidhol biss. Ma kellha ebda aperturi ohrajn. Just fetha ta' bieb u lanqas bieb ma kien hemm'[29]***

Tghid lil lill-attur Johnny Azzopardi ma tafux u lilha hadd ma kellimha biex tixhed minn-naha taz-zija jew ta' Azzopardi.

Xehed l-**ex PS 369 Joseph Mizzi** nhar l-20 ta' Jannar 2016 u jikkonferma li hu ha ir-rapport 10/Z/32825/2013 u ezebixxa kopja tieghu.[30] Ir-rapport ghamlu l-intimat u qallu ukoll li l-propjeta' hija ta' Antonia Formosa. Qallu ukoll li jekk ikun jaf xi haga ohra jghidlu ui fil-fatt kien qallu xi jiem wara li certa Johnny Azzopardi kien qed jidhol fil-fond. Hu baghat ghalih u dan Azzopardi qal li huwa il-prokuratur u eredi ta' Antonia Formosa. Isostli li lill-Azzopardi kemmu wicc in b' wicc. Fuq ir-ritratt qallu dak il-hin. Jghid li in-noti tieghu saru fuq ir-

[27] A folio 123 tal-process.
[28] A folio 126 tal-process.
[29] A folio 127 tal-process.
[30] A folio 130 tal-process.

rapport. Ma jiftakarx jekk kienx mar jara it-toqba fuq insistenza ta' Azzopardi.

Xehdet **in kontro ezami Mary Rose Tabone** nhar l-10 ta' Mejju 2016 u ikkonfermat li kienet ilha tafha minn mindu kienet l-iskola, jigifieri hafna snin ilu. Xi 40 sena. Taf li id-dar taghha hija fin -Nadur Xjuf ir-Rih. Tghid li kienet taghmel il-kartun mal-gallarija Antonia Formosa pero' ma tafx il-kalligrafija taghha.[31] Tabel li kienet iddeterjorat minn sahhitha meta marret tghix mal-attur u illum il-gurnata ma tafx fejn toqghod. Ilha tidhol fil-post xi 25 sena. Issostni li fil-post ta' Antonia qatt ma dahhlet. Il-post taghhom kien taz-zijiet tar-ragelk, il-konvenut. Tghid li il-gardina, Antonia kienet izzomma tajjeb. Illum mitluqa. Tghid li fil-passat kien ikolla tigieg u fniek. Issostni li is-sigar tal-bajtar ilu hemm u anki is-sigra tal-harruba ilha zmien. Tghid li il-kamra u il-hajt divizorju hu ta' xi 5 filati. Tghid li ir-rewwieha moghla zewg filati mill-art u hadd ma jaghmel rewwieha zewg filati 'l isfel. [32]

Xehed **Raymond Tabone** nhar l-10 ta' Mejju 2016 li jghid li il-post taghhom ilu jidhol hemm minn meta kien zghir. U ghadu jmur kuljum.[33] Jghid li iz-zijiet tieghu kienu jikkultivawha u kellhom anki it-tigieg miltluqin. Jghid li ma sabx tieqa miftuha imma gebla imnehhija. Jikkonferma li ghalaqa dak il-hin. Jikkonferma li dan gar diversi drabi. Jghid li il-gebla darba saba u meta ma sabx gebla kien isib gebla ohra u jpoggiha fit-toqba. Isostni li l-isfilsa ghda hemm u hu qatt ma nehhiha. Gieli ghamel hu wahda tad-daqs u kien idum xi kwarta. Jghid li l-ghodda kienet fil-post li kien qed jirrangah. Jghid li

[31] A folio 151 tal-process.
[32] A folio 159 tal-process.
[33] A folio 161 tal-process.

f' okkazjoni minnhom ghamel is-siment ukoll. Jikkonferma li s-sigar jaqtahom fejn ikun hemm bzonn. Akti il-bajtar jaqta'. Jghid li John Azzopardi qatt ma deher 'l  hemm u qatt ma deher ma' Antonia.

Xehed **Joseph Tabone** nhar l-10 ta' Mejju 2016 in kontro ezami li jghid li ghandu 23 sena u ilu jidhol minn meta kien zghir.[34] Hu jaghti deskrizzjoni ta' kif inhi il-gardina u jghid li bhal issa ma tinhadimx imma kien hemm zmien li kienet tinhadem. Jghid li l-affarijiet kienet tizrahom iz-zija ta' missieru. Jghid li fil-post ma tantx ilu ma jmur u ma rax kambjament.

Xehdet **Mary Tabone** fis-27 ta' Settembru 2016 in kontro-ezami u tghid li hija taf x' gara ghax qalilha ir-ragel u tghid li l-gebla li hemm issa mhux dik li kien hemm qabel.[35] Tghid li il-gebla kienet bhal kumplament tal-hajt. Juriha xi ritratti u tghid li l-gebel minn dejjem kienu hemm.Tghid li taf li hemm diversi kawzi pero' mhux intiza fl-affarijiet tal-Qorti.

Xehed **Raymond Tabone** nhar is- 27 ta' Settembru 2016 in kontro-ezami jaqbel li kellu diversi kawzi. Jghid li hu gahndu titolu fuq parti mill-pjanta indikat bil-blu.[36] Jghid li fuq parti ohra kien hemm caution u giet irtirata.

Xehdet **Doris Cutajar in kontro-ezami** nhar id- 9 ta' Novembru 2016 u ikkonfermat li Antonia Formosa hija zijitha.[37] Tikkonferma li kellha

[34] A folio 169 tal-process.
[35] A folio 176 tal-process.
[36] A folio 181 tal-process.
[37] A folio 186 tal-process.

il-post il-Qala u kienet tinzel fih u post iehor in-Nadur.  Tghid li kienet tahdem purtinara fl-iskola tal-Qala.  Tghid li kiien hemm divizjoni min ghalija 1986 u sa dak in-nhar kienet tghix f' tan-Nadur.   Tikkonferma li kienu jmorru jarawha il-Qala ghax kienet tkun hemm wara l-iskola. Dan kien isir kwazi kuljum. Tghid li dak iz-zmien kellha bejn 10- 15 -il sena u li illum ghandha 42 sena. Issostni li id-dar tan-Nadur taz-zija kienet ilha ma tmur xi 20 sena u kienet tintuza kemm torqod hemm. Tghid li ma kienitx tghix f' tal-qala imma in-Nadur.  Meta kienet hajja ommha kienet tghix maghha il-Qala.  Ommha ilha mejta hafna snin u ix-xhud ma tiftakarx lil ommha. Tghid li dawl u ilma ma kienx hemm. Ma tiftakarx meta spiccat tahdem il-Qala iz-zija imma tahseb ilha xi 15- 20 sena.  Tghid li il-kamra kienet bl-imbarazz u kienet maghmula l-art bit-trab tal-gardina. Issostni li l-kamra kienet baxxa wisq. Ma kienx hemm armarju. Ma tistax toqghod bil-wieqfa.  **Tghid li t-tieqa ma kienitx hemm.**  Tghid li is-shelving huwa tal-injam meta murija xi ritratti u tiftakru hemm. Issostni li iz-zija kellha it-tigieg fil-gardina imma mhux fil-kamra.  Tghid li zijitha kienet tpoggi l-imbarazz fil-kamra.

Xehed **Dr. David Muscat in kontro ezami** nhar id- 9 ta' Novembru 2016  u jikkonferma li ghandu kawza ghaddejja ma' John Azzopardi. Jghid li Azzopardi huwa ragel giddieb u ghandu kawzi ma hafna nies. **Jghid li ir-rewwieha  qatt ma rahha.  Jghid li mill-2006 qatt ma ra fetha.  Kieku kien hemm rewwieha zgur li kien jaraha.**[38]  Jghid li hu ghandu vista tajba tal-hajt divizorju mill-propjeta' tieghu ghalkemm hemm xi sigar.   Minn fejn jista' jara il-hasjt divizorju hemm xi 30 jew 40 pied.  Jghid li l-bajjtar tax-xewk ma kienux qed jaghmlu ostaklu

[38] A folio 204 tal-process.

ghall-hajt. Il-bajtar tax-xewk kien ilu hemm. Isostni li ma kellux ostakli ghal vizwali tieghu bis-sigar.

Xehed **Max Xuereb** nhar il-31 ta' Jannar 2018 li kien espert nominat minn din il-Qorti diversament pptreseduta fejn ta' spjegazzjoni dettaljata tal-inkarigu lilu moghti u tar-relazzjoni redatta minnu.[39] Jghid li il-camera ma gietx ghadu u hu ezamina il- card, il-memory card. Ma jistax jghid f' liema stat kienet qed tinzamm il-camera u lanqas il-batteriji taghha. **Jghid li id-data fir-ritratti generalmanet tkun jew f' genb jew f' iehor pero' mhux fin-nofs. F' omoru qatt ma ra ritratt b' data fin-nofs.[40]** Jghid li il-kamera ma kellhix feature ta' Wifi u GPS. Jghid li ir-ritratti kienu wara xulxin. Ma jistax jghid jekk kienx hemm tampering fid-data jew le ghax il-camera ma kienitx f' idejh.

Kontro-ezamiant jghid li il-manual jghidlek li 'you can superimpose d-date'. Ma jghidlekx fejn jista' jkun hemm super imposition. Ma jistax jghid jekk id-date kienx originali jew le.[41]

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

L-artikolu applikabbli ghall-kawza odjerna huwa l-Artiklu 535 tal-Kap 16 Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra is-segwenti:

[39] A folio 261 tal-process.
[40] A folio 262 tal-process.
[41] A folio 267 tal-process.

*535.(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjonita' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikunbata l-ispoll*

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-kwistjont ta' x'jikkostitwixxi spoll fir-rikors guramentat numru 402/2018 JVC **fl-ismijiet Melanie Scicluna vs Warren Abraham Scicluna et** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta' Frar 2021 per Onorevoli Imhallef Joanne Vella Cuschieri gie ribadit:

*Illi l-awtur Mattirolo fil-ktieb tieghu Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (Volume I. ed. 1902 Torino, para. 271) dwar din l-azzjoni ta' spoll privilegjat jghid illi:*

*'La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato è una misura di ordine pubblico, è un 14 provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola "spoliatus ante omnia restituendus". Il perchè l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque*

*possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purchè pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto.'*

*Illi f'dan is-sens ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April, 1958 stqarret kif isegwi: 'L-"actio spolii" hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.' Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati nostrana jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':*

*1. Actor docere debet possedisse – il-pussess;*

*2. Spoliatum fuisse – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u*

*3. Infra bimestre deduxisse – l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.*

*Illi jekk wahda minn dawn l-elementi hija mankanti din l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin ma tirnexxix. Din il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi sabiex tezamina l-elementi ta' spoll vjolenti u klandestin applikati ghall-fatti tal-kaz odjern.*

Tkompli tghid dik il-Qorti:

*Illi dwar l-element tal-pussess bejn ko-possessuri gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet Alfred Pisani et -vs- Victor Farrugia et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Jannar, 1994 illi:*

*'Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.'*

*Illi kkunsidrat li f'kawza ta' spoll bhal dik odjerna l-pussess jista' jkun wiehed qasir hafna u anke momentanju1 , u m'huwiex limitat ghal wiehed esklussiv.*[42]

Fir-rikors Guramentat numru 168/2015JVC fl-ismijiet: **Rodney Ciantar vs Klabb tal-Bocci Kalkara et.** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar 14 ta' Lulju 2020 per Onorevoli Imhallef Joanne Vella Cuschieri gie ikkwotat is-segwenti:

*Illi gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Alfredo Delia -vs- Bonaventura Schembri et deciza nhar il-4 ta' Frar 1958 ghar-rigward tal-element tal-pussess li:*

[42] Ara ukoll dak deciz mill-Qorti tal-Apell fir-Rikors Nru. 336/13JA fl-ismijiet **Rev. Fr. Emanuel Borg Bonello et vs BCD Projects Ltd. (C38742) et** deciza fit- 2 ta' Marzu 2018 per S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri flimkien mal-Imhallfin Giannino Caruana Demajo u Noel Cuschieri.

*'Il-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, jew id-detenzjoni ta' haga mobbili jew immobili, li tigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand ilpossessur jew detentur; u gie deciz kemm il-darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi-pussess tad-drittijiet reali; u hija inerenti ghal-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma setghax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati. F'azzjoni ta' din in-natura mhumiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji, u ghall-"actio spollii" l-ispoljant ma jistax jirrispondi, "in difesa", li dak li ghamel kien att legittimu; ghaliex l-indagini tal-legittimita jew le hija rizervata lill-gudizzju petitorja. '*

*Fil-kawza fl-ismijiet Annetto Xuereb Montebello et -vs- Paolina Magri et deciza nhar id-19 ta' Gunju 1953 rigward l-element tal-pussess l-Qorti ta' l-Appell kienet ghamlet ampja referenza ghal gurisprudenza taljana. Hekk inghad: 'Non è possesso giuridicamente reintegrabile quello che emana da una semplice concessione del proprietario – Cassazione Roma – 23 Giugno, 1905, Santucci vs. Di Francesco;*

*Non ricorre quel possesso di fatto che da diritto alla protezione mediante l'azione di reinterga ogni qualvolta il preteso spogliato abbia il godimento di un vantaggio basato sulla semplice tolleranza del preteso spogliatore – Cassaz. Di Torino – 17 ta' Dicembru 1907, Macone vs. Guglielmino;*[43]

[43] Ara ukoll dak deciiz fit- 13 ta' Jannar 1967 mill-Prim' Awla fil-kawza **Wisq Reverendu Dun Paul Cremona noe vs Paolo Farrugia et** per Onorevoli Imhallef A. Gauci Maistre.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis li jkun ukoll opportun li taghmel referenza ghall-kollezzjoni ta' sentenzi li hemm fil-ktieb tal-mibki Onorevoli Imhallef Philip Sciberras **L-Alfabett tal-Kodici Civili Volum R** fejn hemm spjega dettaljata tad-differenza bejn tieqa u rewwieha ai fini ta' kontestazzjoni civili.[44] Din il-Qorti a skans ta' hafna repetizzjoni tghid li taqbel perfettament mal-insenjamenti hemm riportati f'diversi sentenzi nostrani u taghmilhom taghha.

Il-Qorti jidhrilha ghalhekk li jkun bizzejjed li tislet is-segwenti kuncett li huwa ripetut f'diversi sentenzi tal-Qrati nostrani. Per ezempju fil-kawza **Angelo Micallef et vs Maria Antonia Farrugia et.** (167/2000) deciza mill-Qorti tal-Appell fit- 3 ta' Frar 2009 intqal:

*'L-aperturi fil-hitan divizorju jistghu jkunu jew dawk li komunement jissejhu twieqi ('luci') jew dawk li volgarment jissejjhu rewwieha ('ventiere'). Generalment is-servizz taghhom jiddeterminahom. Gie inoltre ritenut mill-Qorti li jekk l-apertura tkun ta' daqs bizzejjed biex jidhol id-dawl minnha u sabiex iddawwal l-ambjent li ghalih taghti u tkun f'certu gholi mal-hitan ta' l-istess ambjent, allura din tammonta ghal tieqa. It-twieqi, a differenza tar-rewwiehat, jikkostitwixxu b' konvenzjoni, bil-preskrizzjoni, jew bid-destinazzjoni tal-missier tal-familja servitu.....'*

Kull rewwieha qieghda hemm b'att ta' tolleranza u qatt ma tista' tohloq dritt ta' servitu', u dan indipendentement miz-zmien li tkun ilha hemm.

[44] Pagna 325 sa 333.

Hu ukoll ben risaput li atti ta' tolleranza ma jistghux jiswew ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess.

Il-Qorti tqis li ghandha tiddeciedi biss fuq il-kwistjoni ta' spoll vjolenti in relazzjoni mal-kuncett ta' rewwieha u xejn aktar kif ser jinghad aktar 'l isfel u dan stante illi r-rikors promotur huwa bazat fuq dan il-kwizit u mhux fuq spoll vjolenti in relazzjoni mal-kuncett ta' tieqa.

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem tal-provi huwa ben ovvju li hemm zewg verzjonijiet dijamentrikament opposti u ghalkemm l-attur u il-konvenut gew ezaminati, ri-ezaminati u kontro-ezaminati *ad nauseam* huma baqghu ferm mal-posizzjoni originali taghhom. Dunque, il-Qorti hija rinfaccata b' zewg verzjonijiet u kunflitt ta' provi mid-dibattiment tal-kawza.

F' tema ta' kunflitt ta' provi inghad is-segwenti fil-kawza **Mary Rose Caruana et vs Gorg Cardona et (Rik. Gur. 713/2015 RGM)** deciz mill-Prim' Awla tal- Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2020 per Onorevoli Imhallef Robert G. Mangion:

*Fejn ikun jezisti konflitt ta' provi bhala fil-kaz odjern, il-gurisprudenza nostrana tghallem illi hafna drabi l-qrati jkunu rinfaccati b' verzjonijiet opposti ghal xulxin- meta kawza tkun ikkontestata fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-ligi, x' aktarx li ser ikun hemm verzjonijiet konfliggenti, l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran*

*sedenti fil- Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966 irritjena li:*

*'Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f' dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecidi b' kuxejenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal- in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghalih. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m' ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohrra, anke fuq bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn f' kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant..... anzi, f' kazijiet bhal dawn, akatr ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' ta' qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti.'*

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit- 2 ta' Gunju 2003 fis-sentenza fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance plc noe vs Victor Sammut*** irriteniet illi:

*'Anzi f' kaz ta' konflittwalita' l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex propju taccerta ruhu jekk xi wahda miz-zewg verzjionijiet possibbli ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabiltajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi.'*

Din il-Qorti diversament preseduta fid-decizjoni **Dr. Elizabeth Vella M.D. vs Bieb Bieb Limited et (Cit Nru. 2141/2000GC)** fid-9 ta' Dicembru 2011 kompliet tissenjala li:

*'Ghalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f' din il-kawza ghandu jigi esaminata liema wahda mit-tezijiet konfligenti hi l-aktar kredibbli. Ghandu jigi ezaminat jekk xi wahda mill-versjonijiet li allura jista' jinghad li hi korroborata. Ghandu jigi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal ghall-konkluzjoni liema verzjoni tirrispekkja r-realta' tal-fatt, u kwindi ghandha tigi accettata bhala dik veritiera u attendibbli.'*

**Fis-sentenza fl-ismijiet Frank Giordimaina Medici et vs William Rizzo et. (Cit. Nru. 984/1994NC)** din il-Qorti diversament preseduta fit-28 t' April 2004 ikkonkludiet:

*In tema legali jigi osservat li huwa principju fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffaforixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cachia et- 22 ta' Novembru 2002)***'**

**Fis-sentenza Perit John M. Gambin vs Fithome Ltd. (Cit. Nru. 1672/1998 deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-6 ta' Mejju 2011 intqal illi '***Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilita', konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bazi ta' bilanc ta' probabiltajiet li huma sufficjenti f' kawza civili.'*[45]

[45] Pagna 13 sa 15. Ra ukoll **Charles Azzopardi vs P.S. 201 Sandro Magro et.** (Citazzjoni Nru. 222/96 MCH) deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Gunju 2016 per S.T.O. Prim Imhallef Silvio Camilleri flimkien mal-Imhallfin Tonio Mallia u Joseph Azzopardi, pg. 20-21; **Maureen Wood vs John Attard** (Rikors Nru. 22/06

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tibda billi tezamina il-kwistjoni jekk Antonia Formosa u John Azzopardi kellhomx il-pussess tal-fond fejn allegatament kien hemm ir-rewwieha u dan senjatament fil-31 ta' Ottubru 2013 hekk kif indikat fir-rikors promutur taghhom.

L-intimat fir-risposta guramentata tieghu ma jattakkax bl-ebda mod dan il-pussess pero' fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom a A folio 314 u 315 tal-atti processwali jittenta jaghmel argument li Antonia Formosa ma kellix tali pussess ghax kienet serjament marida.

Il-Qorti mill-ewwel tghid li dan l-argument tal-intimat huwa frivolu ghall-ahhar. Il-fatt li persuna li jkollha fond u tkun serjament marida ma jfissirx li ma jkollix pussess tal-oggett. Il-provi juru bic-car li fil-mument li infethet il-kawza il-fond kien jappartjeni lil Antonia Formosa u lil hadd aktar u d-dokumenti a A folio 15 tal-process ma gie attakkat bl-ebda mod barra il-fatt li l-Qorti ma jirrizultalix b' mod konvincenti li ftit qabel ma mardet serjament, ossija, qabel ma infethet il-kawza hija ma kienitx qed izzur il-fond taghha fil-Qala. Inoltre' jidher car li John Azzopardi kellu prokura generali li fi klawsola numru (i) tghid car:

JVC) deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-23 ta' Novembru 2020 per S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti flmikien mal-Imhallfin Joseph R. Micallef u Tonio Mallia, pg. 19; **Pio Le Brun et vs David Brydon** (Citazzjoni Nru. 315/2011) deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla nhar id- 9 ta' Lulju 2014 per Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi, pg. 10.

**'(i) to administer my property, moveable and immovable in the most ample and unlimited manner'**[46]

Isegwi ghalhekk li l-pussess tal-propjetajiet tal-lum defunta Antonia Formosa sa mill-20 ta' Jannar 2011 setghu jigu amministrati mir-rikorrenti l-iehor Azzopardi[47].

**Ghaldaqstant, il-Qorti tiddecidi li ir-rikorrenti kienu fil-pussess tal-fond, ossija, dar fi Triq Wied Simar, Qala fejn allegatament kient tinsab ir-rewwieha fil-mument tal-att spoljattiv vjolenti ghal kull effett tal-ligi.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti issa sejra brevement thares lejn l-attakk li qed jaghmel l-intimat dwar it-terminu ta' xaghrejn li fih wiehed kellu jiftah kawza bhal din, terminu li minghajr dubbju huwa perentorju. Il-Qorti minghajr tlaqlieq tghid li ser tiskarta ir-ritratti mehuda mir-rikorrenti bhala mhux siguri. Dak li xehed l-espert imqabbad minnha ihallu aktar minn dubbju dwar id-data meta dawn gew mehuda u allura tikkonsdrom bhal prova mhux tajba.

Il-Qorti tosserva li l-kawza giet prezentata fl- 4 ta' Dicembru 2013 u Johnie Azzopardi mar jaghmel rapport lill-pulizija ezekuttiva nhar il-31 ta' Ottubru 2013.[48] Minn naha tieghu Raymond Tabone mar

---

[46] A folio 18 tal-process.
[47] Il-Qorti ghandha dubbju dwar din ilprokura generali ghax jidher mill-assjem tal-provi li Antonia Formosa kienet purtinara, mara semplice u ma jirrizultax li kienet ta' xi skola. Allura isegwi li huwa verosimili li kellha limitazzjonijiet fil-lingwa Ingliza u kien ikun hafna ahjar, u aktar ta' serhan tal-mohh ghal din il-Qorti, li tali prokura kienet redatt bil-lingwa Maltija!
[48] A folio 20 tal-process.

jaghmel rapport lill-pulizija ezekuttiva nhar it- 8 ta' Novembru 2013[49]. Dunuqe, isegwi li l-inkwiet bejn il-partijiet beda lejn l-ahhar ta' Ottubru u l-bidu ta' Novembru 2013 meta jidher li iz-zewg partijiet bdew jaghmelu xi xogholijiet rispettivi fil-propjetajiet taghhom u kienu qed jiffrekwentaw il-fond b' mod aktar assidwu.

**Ghaldaqstant, il-Qorti temmen li r-rikorrenti fethu l-kawza odjerna fit-terminu ta' xaghrejn previsiti mil-ligi u allura kull argument kontra dan mill-intimat qed jigi michud.**

**Ikkunsidrat:**

L-ahhar kwizit li din il-Qorti jibqaghla biex tezamina hija il-fatt jekk **ir-rewwieha**[50] kienitx hemm minn dejjem kif qed jallega ir-rikorrenti u l-provi tieghu jew inkella jekk din saritx lejn l-ahhar ta' Ottubru 2013 u fil-jiem ta' wara kif qed jallega l-intimat.[51]

Kif diga' inghad il-provi prodotti huma kunfliggenti u allura sta ghal Qorti li tara liema hija l-aktar wahda verosimili u kredibbli. Il-Qorti tghid li l-komportament tal-konvenut huwa aktar kredibbli u konsistenza meta wiehed jara u jezamina ix-xhieda tieghu fit-totalita'

[49] A folio 140 tal-process.
[50] Fin-nota responsiva ghall-punti sollevati mill-konvenut, l-avukat tal-attur, jittenta jghid li dik hija tieqa u mhux rewwieha. Infatti fit-tieni pagna jiddikjara '***Illi mir-ritratti ezebiti jidher lif l-apertura tikkonbacca ma' l-element ta' tieqa…..***' Ikompli aktar 'l isfel jishaq '***L-atturi repetutament sahqu li l-ezistenza ta' dik it-tieqa tezisti propju b' servitu u mhux b' semplici tolleranza…..***' Pero' il-Qorti tosserva li il-kawza hija ibbazata fuq ir-rewwieha u MHUX fuq it-tieqa. B' hekk ir-rikorrenti qed jipprova '*isalva il-salvabile*'!.
[51] Il-Qorti qed tikkunsideraha rewwieha u mhux tieqa jew xi apertura ghax hekk jghid ir-rikors promutur. Ara punt 2 u 3 tar-rikors.

taghha. Maghduda ma dan wiehed irid jghid li x-xhieda prodotti minnu hija aktar verosimili.

Il-Qorti ma tarax ghalfejn ghanda tiddubita minn xhud li ma ghandux interess fil-kawza *de quo* bhal ma huwa Dr. David Muscat li jghid li dik it-toqba, ossija rewwieha, qatt ma ezistiet.[52] Dan ghandu residenza fil-Qala bhala villeggatura. Il-Qorti tqis li l-verzjoni tieghu hija wahda ta' min joqghod fuqha.

Il-Qorti tqis li lanqas ghandha ghalfejn tiddubita minn dak li xehdet in-neputija ta' Antonia Formosa, Doris Cutajar. Il-Qorti tqis li Cutajar kienet onesta fit-twegibiet taghha u kienet ilha tiffrekwenta lid-defunta Antonia Formosa u l-propjeta' taghha tal-Qala ghal zmien twil hafna. B'hekk kienet fl-ahjar posizzjoni li tghid jekk ir-rewwieha kienitx tesisti jew le.

Il-Qorti tinnota ukoll li kemm l-attur John Azzopardi kif ukoll ix-xhud tieghu Lawrence Tabone waqt ix-xhieda taghhom il-hin kollu huma aggressivi fit-twegibit taghhom, xi drabi kontradittorji kif ukoll aggressivi mal-avukat tal-intimat. It-twegibiet taghhom ma impressjonaw il-Qorti xejn, anzi din il-Qorti izzid tghid li huwa verosimili li huma it-tnejn approfittaw bis-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha l-illum defunta Antonia Formosa. John Azzopardi kien qed jirranga il-fond, waqt li Antonia Formosa kienet serjament marida u allura ghamel minn kollox biex il-fond jaghtih aktar valur u per konsegwenza igiblu aktar qliegh. Wara kollox Lawrence Tabone

[52] Il-Qorti ghalkemm hija konxja mill-fatt li John Azzopari u Dr. Muscat kellhom proceduri bejniethom ghax johrog mix-xhieda xorta wahda fliet sew ir-risposti ta' dan l-ahhar meta gie kontro-ezaminat mill-avukat tar-rikorrenti Azzopardi.

ammetta quddiem din il-Qorti li huwa kellu interess li jixtri l-fond, sahansitra sa gurnata qabel ma xehed quddiem din il-Qorti mar jarah! Hu evidenti li dik il-kamra kien ser ikollha aktar valur kieku kellha rewwieha. Xi haga li Azzopardi kien ben jaf u allura kien qed jaghmel minn kollox biex jiggwadanja dik l-apertura. **Wara kollox John Azzopardi, anki wara diversi snin li fetah il-kawza ma ipproducix lill-Perit Carmelo Borg li kien qallu li kellu jiehu xi ritratti tal-fond biex b'hekk seta' jikkonvinci lil Qorti li ir-ritratti mehuda ma ittihdux b'xi malizja! Ir-rikorrenti lanqas ukoll ma gab lill-kuntrattur minn-Nadur Nenu tal-Pajpaj, ossija Mifsud li gie indikat ukoll fix-xhieda tieghu.**[53]

Interessant ukoll x' kiteb is-surgent 369 Joseph Mizzi fir-rapport tieghu datat 8 ta' Novembru 2013 fejn meta l-attur Azzopardi gie mistoqsi minnu dwar it-tieqa skond l-ufficjal pubbliku qal is-segwenti:

***'Mistoqsi ghaliex kien ghamel speci ta' tieqa zghira fil-kamra li taghti ghal fuq l-ghalqa tal-kwerelant, huwa wiegeb li fuq din in-naha ga kien hemm rewwieha u mizieb li jaghtu ghal fuq l-istess ghalqa tal-kwerelant.'***

Dan jista' jfisser li kien hu li fetah l-ispeci ta' tieqa. Il-fatt li ma cahad xejn minn dak addebitat lilu u qal BISS li fuq dik in-naha kien hemm diga' rewwieha u mizieb ifisser hafna! Il-Qorti tifhem li kieku ma kienx hu li fetah it-tieqa *a tempo vergine* kien jghid hekk lis-surgent, xhud tassew indipendenti u li ta' dikjarazzjoni ezatti tal-fatti kif jafhom hu. **Dan ikompli jsahhah il-konvinciment ta' din il-Qorti li**

[53] A folio 57 tal-process.

**Azzopardi fetah it-tieqa bil-ghan li jpingiha bhala rewwieha. Anki jekk, ghal grazzja tal-argument biss kien hemm rewwieha, din ma kienitx fejn kien fetah it-tieqa hu.** ***B' hekk kien ha l-ligi b' idejh u ghamel att spoljattiv hu ghad-dannu tal-intimat u mhux bil-maqlub.***

Minn naha l-ohra l-intimat kellu kull dritt li immedjatament jipprova jpoggi lura l-gebla, ladarba induna b' dan l-agir ta' terzi u allura pprova jippriserva l-*istatus quo* u jirripristina l-hajt divizorju. Dan barra l-fatt li kif inghad aktar 'l fuq rewwieha ma taghti l-ebda drittijiet civili u s-sid ta' fejn tisporgi, ossija f'dan il-kaz tal-intimat, jista' f'kull waqt jitlob li din tinghalaq[54].

**Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li ma sehh l-ebda att spoljattiv vjolenti minn naha tal-intimat ghax l-hekk imsejha rewwieha qatt ma kienet tinsab fit-toqba indikata mir-rikorrenti f' din il-kawza. Dan barra il-fatt li rewwieha per se dejjem tkun hemm b'att ta' tolleranza.**

**Decide:**

**Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Spejjez ta' din il-kawza huma kollha a karigu tar-rikorrenti.**

[54] Ara fost l-ohrajn **Josephine Baron vs Dominic Scicluna et** deciza mill- Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Gunju 2020.

Dottor Monica Vella LL.D., M.Jur.

Magistrat

Deputat Registratur.